DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI
MILL-PARTIJIET KONTRAENTI
GĦALL-FTEHIM

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IT-TKABBIR SIMULTANJU
TA' L-UNJONI EWROPEA U
TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Il-Partijiet Kontraenti jisħqu fuq l-importanza tar-ratifika jew l-approvazzjoni fil-ħin mill-Partijiet Kontraenti Attwali u l-Partijiet Kontraenti l-Ġodda skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom sabiex jassiguraw it-tkabbir simultanju ta' l-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
LI TIRRIGWARDA L-APPLIKAZZJONI
TAR-REGOLI TA' ORIĠINI WARA LI JIDĦOL FIS-SEĦĦ
IL-FTEHIM RIGWARD IL-PARTEĊIPAZZJONI
TAR-REPUBBLIKA ĊEKA, TAR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,
TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, TAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,
TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, TAR-REPUBBLIKA
TA' L-UNGERIJA, TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA,
TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, TAR-REPUBBLIKA
TAS-SLOVENJA U TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA
FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

1. Prova ta' oriġini maħruġa kif suppost minn xi Stat ta' l-EFTA jew minn Parti Kontraenti Ġdida fil-kwadru ta' xi ftehim preferenzjali konkluż bejn l-Istati ta' l-EFTA u l-Parti Kontraenti l-Ġdida jew fil-kwadru ta' leġislazzjoni nazzjonali unilaterali ta' xi Stat ta' l-EFTA jew ta' xi Parti Kontraenti Ġdida għandha titqies li hi prova ta' oriġini preferenzjali taż-ŻEE, bil-kondizzjoni li:

   (a) il-prova ta' oriġini u d-dokumenti tat-trasport kienu nħarġu mhux aktar tard mill-jum ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim;

   (b) il-prova ta' oriġini hi sottomessa lill-awtoritajiet tad-dwana fil-perijodu ta' erba' xhur mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Meta xi merkanzija kienet dikjarata għall-importazzjoni minn xi Stat ta' l-EFTA jew minn xi Parti Kontraenti Ġdida, f'xi Parti Kontraenti Ġdida jew f'xi Stat ta' l-EFTA rispettivament, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, taħt arranġamenti preferenzjali li jkunu fis-seħħ bejn xi Stat ta' l-EFTA u xi Parti Kontraenti Ġdida f'dak iż-żmien, il-prova ta' oriġini maħruġa b'mod retrospettiv skond dawk l-arranġamenti tista' wkoll tiġi aċċettata fl-Istati ta' l-EFTA jew fil-Partijiet Kontraenti l-Ġodda bil-kondizzjoni li tkun sottomessa lill-awtoritajiet tad-dwana fil-perijodu ta' erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

2. L-Istati ta' l-EFTA, fuq naħa, u r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, fuq in-naħa l-oħra, huma awtorizzati li jżommu fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet li bihom l-istatus ta' "esportaturi approvati" kien ingħata fil-kwadru tal-ftehim konklużi bejn l-Istati ta' l-EFTA, fuq naħa, u r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, fuq in-naħa l-oħra, bil-kondizzjoni li l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' oriġini taż-ŻEE.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jinbidlu mill-Istati ta' l-EFTA u mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, sa mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' l-adeżjoni, ma' awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa taħt il-kondizzjonijiet stipulati fi Protokoll Nru.4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

3. Talbiet għal verifika sussegwenti tal-prova ta' oriġini maħruġa taħt xi ftehim preferenzjali u arranġamenti li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2 ta' hawn fuq għandhom jiġu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati ta' l-EFTA u tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda għal perijodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' oriġini konċernata u jistgħu jsiru minn dawk l-awtoritajiet għal perijodu ta' tliet snin wara li tiġi aċċettata l-prova ta' oriġini.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR L-ARTIKOLU 126 TAL-FTEHIM ŻEE

Il-Partijiet Kontraenti jikkonfermaw li r-referenzi magħmula fl-Artikolu 126 tal-Ftehim ŻEE għat-"Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea" u "l-kondizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat" ikopru l-Protokoll Nru.10 dwar Ċipru anness ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.

DIKJARAZZJONIJIET OĦRA
MINN PARTI KONTRAENTI WAĦDA JEW AKTAR
GĦALL-FTEHIM

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA ĠENERALI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

L-Istati ta' l-EFTA jieħdu nota tad-Dikjarazzjonijiet, li huma relevanti għall-Ftehim ŻEE, mehmuża ma' l-Att Finali tat-Trattat li jirrigwarda l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

L-Istati ta' l-EFTA jisħqu li d-Dikjarazzjonijiet, li huma relevanti għall-Ftehim ŻEE, mehmuża ma' l-Att Finali tat-Trattat li hemm referenza għalih fil-paragrafu preċedenti ma jistgħux jiġu interpretati jew applikati b'mod li jmur kontra l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti li jirriżultaw minn dan il-Ftehim jew mill-Ftehim ŻEE.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
MILL-ISTATI TA’ L-EFTA DWAR
IL-MOVIMENT LIBERU TAL-ĦADDIEMA

L-Istati ta’ l-EFTA jisħqu fuq l-elementi qawwija ta’ divrenzjar u ta’ flessibiltà fl-arranġamenti dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema. Huma għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħtu aċċess akbar għas-suq tax-xogħol liċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja taħt il-liġi nazzjonali, bl-iskop li titħaffef l-approssimazzjoni ma’ l-*acquis*. B’riżultat ta’ dan, l-opportunitajiet ta’ xogħol fl-Istati ta’ l-EFTA għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja għandhom jitjiebu b’mod sostanzjali ma' l-adeżjoni ta’ dawn l-Istati. Barra minn hekk, l-Istati ta’ l-EFTA ser jagħmlu l-aħjar użu mill-arranġamenti proposti sabiex jaslu kemm jista' jkun malajr għall-applikazzjoni sħiħa ta’ l-*acquis* fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Għal-Liechtenstein, dan ser isir bi qbil ma' l-arranġamenti speċifiċi kif previsti fl-Adattamenti Settorjali għall-Anness V (il-moviment liberu tal-ħaddiema) u għall-Anness VIII (id-dritt għall-istabbiliment) għall-Ftehim ŻEE.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

MILL-ISTATI TA' L-EFTA DWAR

IS-SUQ INTERN TA' L-ELETTRIKU

B'referenza għall-arranġament transitorju għall-Estonja stipulat f'Punt 2 tal-Kapitolu 8 ta' l-Anness 6 għall-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u d-Dikjarazzjoni 8 dwar l-*oil shale*, is-suq intern ta' l-elettriku u d-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 li tikkonċerna regoli komuni għas-suq intern ta' l-elettriku (Direttiva dwar l-Elettriku): L-Estonja, l-Istati ta' l-EFTA, jinnutaw li, bl-iskop li d-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni fis-suq intern ta' l-elettriku tiġi limitata kemm jista' jkun, xi mekkaniżmi ta' salvagwardja, bħall-klawsola tar-reċiproċità tad-Direttiva 96/92/KE, jistgħu jkollhom jiġu applikati.

DIKJARAZZJONI

MILL-GVERN TAL-LIECHTENSTEIN

Il-Gvern tal-Liechtenstein jassumi li l-Partijiet Kontraenti kollha jirrispettaw il-Prinċipalità tal-Liechtenstein bħala Stat li ilu għal żmien twil sovran u rikonoxxut li kien Stat newtrali matul il-perijodu kollu ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija u tat-Tieni Gwerra Dinjija.

DIKJARAZZJONI
TAR-REPUBBLIKA ĊEKA DWAR
ID-DIKJARAZZJONI UNILATERALI
MILL-PRINĊIPALITÀ TAL-LIECHTENSTEIN

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-konklużjoni tal-ftehim bejn il-pajjiżi kandidati u l-membri taż-Żona Ekonomika Ewropea bħala pass sinifikanti biex tingħeleb id-diviżjoni ta' l-imgħoddi fl-Ewropa, kif ukoll lejn aktar żvilupp politiku u ekonomiku tagħha. Ir-Repubblika Ċeka tinsab lesta li tikkoopera fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea ma' l-istati membri kollha, inkluża l-Prinċipalità tal-Liechtenstein.

Fir-rigward tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Repubblika Ċeka sa mit-twaqqif tagħha esprimiet interess ċar li tistabbilixxi relazzjonijiet diplomatiċi magħha. Sa mill-1992 hija bagħtet lill-gvernijiet tal-pajjiżi kollha, inkluża l-Prinċipalità tal-Liechtenstein, talbiet biex tkun rikonoxxuta bħala entità ġdida fil-liġi internazzjonali b'effett mill-1 ta' Jannar 1993. Filwaqt li prattikament il-gvernijiet kollha wieġbu fl-affermattiv, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein s'issa hija eċċezzjoni.

Ir-Repubblika Ċeka ma tagħti ebda effett legali lil dikjarazzjonijiet li m'humiex relatati ma' l-għan u l-iskop ta' dan il-Ftehim.

DIKJARAZZJONI
TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA DWAR
ID-DIKJARAZZJONI UNILATERALI
MILL-PRINĊIPALITÀ TAL-LIECHTENSTEIN

Ir-Repubblika Slovakka tilqa' l-konklużjoni tal-ftehim bejn il-pajjiżi kandidati u l-membri taż-Żona Ekonomika Ewropea bħala pass importanti lejn aktar żvilupp politiku u ekonomiku fl-Ewropa.

Sa mit-twaqqif tagħha r-Repubblika Slovakka irrikonoxxiet lill-Prinċipalità tal-Liechtenstein bħala stat sovran u indipendenti u hija lesta li tistabbilixxi relazzjonijiet diplomatiċi mal-Prinċipalità.

Ir-Repubblika Slovakka ma tagħti ebda effett legali lil dikjarazzjonijiet li m'humiex relatati ma' l-għan u l-iskop ta' dan il-Ftehim.

DIKJARAZZJONI

MILL-ESTONJA, ĊIPRU, IL-LATVJA, MALTA U S-SLOVENJA

DWAR L-ARTIKOLU 5

TAL-PROTOKOLL NRU.38a

DWAR IL-MEKKANIŻMU FINANZJARJU TAŻ- ŻEE

L-Estonja, Ċipru, il-Latvja, Malta u s-Slovenja jisħqu li l-formula ta' distribuzzjoni wżata fl-Artikolu 5 kienet maħsuba esklussivament għall-għanijiet tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE. Huma jifhmu li din il-formula ta' distribuzzjoni ma tippreġudika ebda proposta futura fir-rigward ta' formuli ta' distribuzzjoni fi ħdan il-kwadru ta' l-istrumenti ta' koeżjoni u strutturali tal-Komunità.

DIKJARAZZJONI

MILL-KUMMISSJONI

TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

DWAR IR-REGOLI TA' ORIĠINI GĦALL-ĦUT

U PRODOTTI TAS-SAJD

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ser teżamina l-possibilità li jkun hemm armonizzazzjoni tar-regoli ta' oriġini sa l-1 ta' Mejju 2004.